



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12518/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0240 (NLE)

AGRI 441
PROBA 38
WTO 170

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward tal-kondizzjonijietgħall-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ
fir-rigward tal-kondizzjonijietghall-adeżjoni
tal-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan mal-Ftehim Internazzjonali
dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (“il-Ftehim”) ġie ffirmat f’isem l-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892¹ fit-18 ta’ Novembru 2016, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b’mod proviżorju fl-1 ta’ Jannar 2017 f’konformità mal-Artikolu 31(2) tiegħu.
- (2) Il-Ftehim ġie konkluż fis-17 ta’ Mejju 2019 mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848².
- (3) Skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (‘il-Kunsill tal-Membri’) għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni ta’ Gvern mal-Ftehim.
- (4) Il-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan applika formalment biex jaċċedi għall-Ftehim. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kunsill tal-Membri jiġi mistieden, matul sessjoni futura tiegħu, jew fil-qafas ta’ proċedura għall-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta’ skambju ta’ korrispondenza, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, fir-rigward tal-ishma ta’ parteċipazzjoni fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ u l-limitu ta’ żmien għad-depożitu tal-istrument ta’ adeżjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta’ Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta’ Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1).

- (5) Billi r-Repubblika tal-Ażerbajġan qed tiżviluppa s-settur taż-żebug tagħha fir-rigward tal-konsum u biħsiebha tiżviluppa l-produzzjoni tagħha, l-adeżjoni tagħha taħt ċerti kundizzjonijiet tista' ssaħħa il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba ta' uniformità fil-liġi nazzjonali u internazzjonali relatata mal-karatteristiċi tal-prodotti taż-żebug sabiex jiġi evitat kwalunkwe ostaklu għall-kummerċ.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri, peress li d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati ser ikollhom effetti legali fuq l-Unjoni billi jħallu impatt fuq il-bilanċ deċiżjonali fi ħdan il-Kunsill tal-Membri meta d-deċiżjonijiet ma jiġux adottati b'konsens f'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ matul sessjoni futura tiegħu, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan mal-Ftehim, hija stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
